**TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**
**(GHAWDEX)**

**GUDIKATUR Chev. Paul Saliba L.P.**

*Seduta ta' nhar it-Tlieta 20 ta' Frar 2001*

Avviz numru 22/99GT

Gregory Formosa

-vs-

Michael Mifsud

## It-Tribunal;

Ra t-talbiet attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' ammont li ma jaccedix il-mitejn u hamsin lira Maltin (Lm250) dovuti in linea ta' danni sofferti mill-attur fil-vettura tieghu, kif ukoll ghal danni kkagunati minhabba telf ta' uzu ta' l-istess vettura, wara li gie premess illi fit-30 ta' Dicembru 1998 gara incident stradali bejn il-karozza ta' l-attur LAF 475 u l-karozza tal-konvenut GAG 021, liema incident gara unikament tort tal-konvenut billi huwa saq bi traskuragni u b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku u naqas milli jaghti d-dritt lil min kien qieghed isuq fil-main road, ma kienx qed izomm "a proper look out" u kien sejjer jaghmel manuvra illi minnha nnifisha tostakola vetturi ohra minghajr ma ta sinjal adegwat u minghajr ma qaghad attent illi effettivament ma johloq ebda perikolu; u wara li gie premess ukoll illi t-tort ta' dan l-incident kien unikament tal-konvenut;

Ra r-risposta li permezz taghha l-konvenut eccepixxa:

a. Illi t-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt billi hu ma kienx responsabbli ghal dan l-incident;

b. Illi l-incident sar htija tas-sewqan tarskurat u negligenti da parti ta' l-attur li naqas li josserva r-regoli tal-precedenza u naqas li jzomm "a proper look out."

c. Illi l-konvenut kien ghaddej minn triq principali waqt li l-attur hareg minn triq sekondarja minghajr id-debita prudenza u hi ksur tar-regoli tat-traffiku;

Sema' bil-gurament liz-zewg sewwieqa u lix-xhieda minnhom prodotti; ezamina d-dokumenti esebiti u l-provi kollha prodotti; u ha konjizzjoni tas-

sottomissjonijiet maghmula mid-difensuri tal-partijiet fin-noti minnhom pprezentati;

Ikkunsidra:

1. L-attur kien qed isuq vann Maruti Omni numru LAF 475. Kien niezel minn Triq Bir-Rix, Santa Lucija, li hija l-fergha tax-xellug ta' Y-Junction, biex jilwi lejn il-lemin tieghu lejn Triq Ghajn Abdul, li hija s-sieq ta' l-istess Y-Junction. Il-konvenut, li kien qed isuq Range Rover numru GAG-021, kien tiela' mis-sieq ta' l-istess junction biex jibqa' sejjer fid-dritt fil-fergha tal-lemin tal-junction. L-incident gara fil-parti l-wiesgha tal-junction.

2. L-attur isostni li t-triq li nizel minnha hu hi principali fil-waqt li dik li kien tiela' minnha l-konvenut hija sekondarja. Il-konvenut isostni l-oppost, cioe' li tieghu kienet il-principali fil-waqt li dik ta' l-attur hija sekondarja.

Jirrizulta li fl-art, fejn jinghaqdu z-zewg toroq, <u>ma hemmx sinjali "Give Way" jew sinjali ohra tat-traffiku.</u> Is-surgent tal-Pulizija 261 Raymond Caruana, li investiga l-incident fuq il-post, xehed hekk: Nghid li <u>z-zewg toroq huma ta' l-istess importanza</u> - sewwa dwar il-wisa' u kemm dwar it-traffiku li jghaddi minnhom - dwar kollox".

It-Tribunal itendi li jikkunsidra u jqis dan il-punt skond il-versjoni tal-Pulizija, cioe' li <u>z-zewg toroq huma ta' l-istess importanza</u>.

3. Fil-vettura ta' l-attur, il-hsara kienet fuq il-mudguard u l-bieba ta' wara, in-naha tal-lemin (tax-xufier), u wkoll fuq it-tarf tal-bumper ta' wara ta' l-istess naha. F'tal-konvenut, il-hsara kienet fuq it-tarf tal-bonnet u tal-bumper u fuq il-fanal u l-indicator, kollox fuq quddiem in-naha tal-lemin (tax-xufier).

4. Hemm qbil bejn il-partijiet dwar il-posizzjoni taz-zewg vetturi wara l-habta, kif indikati fl-iskizz tal-Pulizija. Pero' l-konvenut ma jaqbilx ma' l-"ispot of impact" kif indikata mill-Pulizija, u jghid li din grat fejn hu indikat b'salib (+) fejn waqfet il-karozza tieghu.

5. Premessi dawn il-konsiderazzjonijiet, it-Tribunal jghaddi biex jaghmel is-segwenti evalwazzjoni tal-fatti.

a. Ir-regola 93 ta' "The Malta Highway Code" tipprovdi illi:

"At the intersection or junction of roads of equivalent traffic importance, where vehicles approach the intersection or point of junction simultaneously, priority should, unless otherwise indicated, be accorded to

vehicles on the left. However, at T-junctions, the through road has priority over the branch road".

Dan id-dritt ta' precedenza, pero', bhal kull dritt iehor, ma huwiex assolut.

b. "The Malta Highway Code", fir-Regola 84, jghid"

"Use extra care at junctions or intersections ……. Where there are no (traffic) signs, exercise discretion and prudence".

U fir-regola 85, jipprovdi:

"Well before you turn at a junction, take full account of the position and movement of following traffic. Signal your intention and, when safe to do so, take up the appropriate position. Wait until there is a safe gap between you and any approaching vehicles before you complete a right turn".

c. "The Driving Manual" tar-Renju Unit (Ediz. 1997), fil-pagna 157 intitolata "Bends and Junctions", jipprovdi:

"When turning right, even thought here minght be little traffic approaching from the right, don't be tempted to move out and drive down the centre of the road hoping to fit into a gap in the traffic ……
……
When turning left or right into a major road, it takes time to complete the steering manoevre safely.

You need to accurately assess the speed of approaching traffic. If in doubt, wait".

U fil-pagna 161, taht is-sottotitolu "unmarked Junctions", l-istess Driving Manual ikompli jiddisponi hekk:

"Never assume priority over another road if there are no road signs or markings. What's obvious to you might not be obvious to drivers on the other road.

Watch carefully for vehicles approaching the junction on the other road."

"The Malta Highway Code", fir-Regola 86, jiddisponi:

"On turning at a junction, look right, then left, then right again. Do not go on until you are sure that it is safe to do so".

d. L-attur hareg minn triq ghall-ohra tal-Y-junction minghajr ma jirrizutla li waqaf (anke jekk it-triq li kien niezel minnha kienet ta' l-istess

importanza daqs l-ohra),  hares lejn il-lemin tieghu u ra lill-konvenut gej xi mitt (100) pied jew inqas ‘il boghod  -  li hija distanza relattivament zghira ferm ghall-vettura miexja fi triq maggura  -  hares lejn ix-xellug  -  cioe’ l-fergha l-ohra tal-Y-junction li effettivaemnt hija l-prolungament tat-triq li minnha kien gej il-konvenut  -  u, bla ma rega’ hares lejn il-lemin biex jara fejn kienet waslet il-vettura tal-konvenut li kien diga’ raha, iddecieda li jibqa’ hiereg u jilwi lejn il-lemin tieghu u precizament fid-direzzjoni li minnha kien gej il-konvenut.  Din kienet manuvra riskjuza u nieqsa minn sens ta’ prudenza stradali.  U min jiehu riskju, irid jassumi l-konsegwenzi talvolta rizultanti minn tali riskju.

e. Fid-dawl tal-premess, l-attur ghandu jitqies li ma ezercitax  “a proper look out” u dik id-diligenza stradali rikjesta mil-ligi f’tali cirkustanzi, u ghalhekk huwa ikkontribiwixxa fir-responsabbilta’ ta’ l-incident.

f. Dak li inghad fir-rigward ta’ l-attur japplika, *mutatis mutandis,* ghall-konvenut.  Il-fatt li huwa kien qed isuq fi triq maggura, anke jekk dak il-hin huwa kien taht l-impressjoni  -  zbaljata  -  li t-triq l-ohra li kien niezel minnha l-attur kienet wahda sekondarja, tali presunzjoni bl-ebda mod ma tezonerah milli jezercita huwa wkoll “a proper look out” u d-diligenza kollha stadali.  Dan il-konvenut ma ghamlux.

g. Jirrizulta li t-triq li minnha kien gej l-attur hija triq wiesgha u minnha jinzel hafna traffiku biex jaqsam it-triq li fiha kien qed isuq il-konvenut. M’hemmx dubbju li l-konvenut ma harisx lejn ix-xellug tieghu meta kien riesaq lejn l-inkrocju biex jesplora jekk kienx niezel jew hiereg minnha xi traffiku.  Dan jirrizulta anke “ex admissis” meta l-konvenut xehed:  “lill-attur rajtu mal-habta.  Ma rajtux qabel”.  Dan oltre l-fatt li l-habta saret fit-tarf ta’ wara tal-vettura ta’ l-attur, cioe’ meta din kienet diga’ qeghdha tiskapolah minn quddiem.

h. Jirrizulta, ghalhekk, li l-konvenut ukoll ikkontribwixxa fir-responsabbilta’ ta’ l-incident  “de quo”.

i. Fil-fehma tat-Tribunal, mehuda in konsiderazzjoni c-cirkustanzi kollha tal-kaz,  ir-responsabbilta’ ta’ l-incident ghandha  tinqassam ugwlament bejniethom, cioe’ nofs attribwibbli lill-attur u nofs lill-konvenut.

6. fir-rigward tal-*quantum* tad-danni pretizi mill-attur, l-istess attur ikkonferma bil-gurament li d-danni jikkonsistu f’mija u sebgha u tletin lira Matlin u erbghin centezmu (Lm137.40) prezz ta’ spare parts u hamsa u disghin lira Maltin (Lm95) ghax-xoghol ta’ idejh  (labour)  -  b’kollox mitejn u tnejn u tletin lira Maltin u erbghin centezmu  (Lm232.40), f’liema ammont it-tribunal qieghed jillikwida d-danni sofferti mill-attur, anke stante l-fatt li l-konvenut ma ipproduca ebda prova in kontestazzjoni tal-*quantum*  ta’ dawn  id-danni.

Peress illi l-attur qeghdha tigi attribwita lilu nofs ir-responsabbilta' ta l-incident, nofs dawn id-danni ghandu jbaghtihom l-istess attur. Ghalhekk l-ammont tad-danni li qed jigi kanonizzat bhala dovut mill-konvenut lill-attur jikkorrispondi ghal nofs il-mitejn u tnejn u tletin lira Maltin u erbghin centezmu (Lm232.40), u cioe' ghal mija u sittax-il lira Maltin u ghoxrin centezmu (Lm116.20).

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jiddeciedi billi:

1. Jiddikjara li kemm l-attur kif ukoll il-konvenut ikkontribwew ugwalment fir-responsabbilta' ta' l-incident awtomobilistiku "de quo";

2. Jilqa' t-talba attrici kif dedotta fl-Avviz, pero' limitatament ghall-ammont likwidat ta'mija u sittax-il lira Maltin u ghoxrin centezmu (Lm116.20), dovut mill-konvenut; u konsegwentement

3. Jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur l-imsemmi ammont ta' mija u sittax-il lira Maltin u ghoxrin centezmu (Lm116.20) dovut ghar-ragunijiet premessi.

L-ispejjez ta' dina l-istanza jithallsu nofs mill-attur u nofs mill-konvenut.

(ft.) Paul Saliba
Gudikatur

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur